*Viċi President*
Perit Stephanie Cassar

*Segretarju Onorarju*
Perit Amber Wismayer

*Membri*
Perit Stephen Farrugia
Perit Ian Camilleri Cassar
Perit Sandro Cini
Perit Chris Grech
Perit Anthony Bezzina
Perit Anthony Fenech Vella
Perit Andre Pizzuto
Perit Damian Vella Lenicker

L-20 ta' Frar, 2015

*Vice President*
Perit Stephanie Cassar

*Honorary Secretary*
Perit Amber Wismayer

*Members*
Perit Stephen Farrugia
Perit Ian Camilleri Cassar
Perit Sandro Cini
Perit Chris Grech
Perit Anthony Bezzina
Perit Anthony Fenech Vella
Perit Andre Pizzuto
Perit Damian Vella Lenicker

20th February, 2015

**Nru. 154**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK150300
Post: General Soft Drinks, Triq l-Imdina/Triq il-Vitorja/Triq Alexandra, Ħal Qormi
Proposta: Twaqqigħ ta' bini eżistenti u bini ta' appartamenti, garaxxijiet għall-użu privat u *showrooms*/ħwienet

**No. 154**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK150300
Location: General Soft Drinks, Triq l-Imdina/Triq il-Vitorja/Triq Alexandra, Ħal Qormi
Proposal: Demolition of existing buildings and construction of apartments, garages for private use and showrooms/retail outlets

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma’ numru ta’ miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-13 ta’ Ottubru 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-22 ta’ Jannar 2015.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 13th October 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 22nd January 2015.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Kwalità tal-Arja | L-impatti fuq il-kwalità tal-arja kkawżati mit-traffiku mhumiex magħrufa. B’hekk qed jintalab studju tal-kwalità tal-arja li jikkonsidra l-impatti ikkawżati mit-traffiku.<br><br>Emissjonijiet mit-trab waqt il-kostruzzjoni huma tranżitorji u jistgħu jiġu mmitigati permezz ta’ miżuri skond ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007. |
| *Air Quality* | *The significance or otherwise of traffic-induced air quality impacts is not clear. An air quality study is being requested to identify the impacts likely to be generated through traffic.*<br><br>*Dust emissions during construction are transient, and can be reasonably mitigated through standard measures in accordance with the Construction Site Management Regulations, 2007.* |
| Ħsejjes | It-tindif, tħaffir tas-sit u l-bini tal-estensjoni kapaċi joħolqu ħsejjes li jaffetwaw lir-residenzi tal-madwar. Madanakollu, se jkun hemm miżuri biex jittaffew il-ħsejjes skond kif imsemmi fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007. |
| *Noise* | *Noise during site clearance, excavation and construction may affect the nearby residences. Noise abatement measures in accordance with the Construction Site Management Regulations, 2007 shall further minimise the impact.* |
| Ħolqien ta’ skart | Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, se jinħoloq skart inert, madankollu l-kwantitajiet x’aktarx li jkunu reletivament żgħar. Kull meta possibbli u jiddependi fuq il-propertajiet ġeoloġiċi tas-sit, huwa rakkomandat li l-ġebel skavat ma jkunx ittrattat bħala skart, u jerġa’ jintuża. L-iskart tal-kostruzzjoni li jifdal u skart muniċipali solidu ġġenerat waqt l-operat se jintrema skont il-proċeduri stabbiliti għall-immaniġġjar tal-iskart. |
| *Waste generation* | *The project will generate waste during both construction and operation. During the construction phase, inert waste will be generated however quantities are likely to be minimal in relative terms. Whenever possible and depending on the geological properties of the site, it is recommended that excavated rock is reused. Remaining construction waste and municipal solid waste produced during operation will be disposed of in accordance with established waste management procedures.* |
| Impatt permezz ta’ dawl | Matul il-lejl, huwa previst li l-proġett se jiġġenera d-dawl. Madankollu, il-ħruġ ta’ dawl meta mqabbel mas-sitwazzjoni li diġà teżisti, jista’ jitnaqqas billi l-ammont ta’ dawl matul il-lejl jinżamm mal-livelli minimi meħtieġa għal raġunijiet ta’ sigurtà, u billi jintużaw fanali xierqa. |
| *Light pollution* | *During night time, lighting from the project is envisaged. Nevertheless, light emissions above the current baseline situation may be reduced by limiting nocturnal lighting to the minimum required for security purposes, and through use of appropriate luminaries.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista’ jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

L-20 ta’ Frar, 2015

20th February, 2015